MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Cordina)**

**vs**

**Patrick Mangion ta' 26 sena, iben Anthony u Joan nee Camilleri, mwieled Hal-Qormi, fit-30 ta' Jannar, 1973 residenti fl-indirizz Id-Duluri, Triq il-Maghsar, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 68773 (M)**

**Eleno Bezzina ta' 37 sena, iben Joseph u Mary nee Azzopardi, mwieled Pieta' fis-17 ta' Lulju, 1964 residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 427664 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Patrick Mangion u Eleno Bezzina li gew akkuzati talli fid-19 ta' Settembru, 2000 u f'dati precedenti, gewwa Santa Venera u fi bnadi ohra, ghamlu falsifikazzjonijiet fuq biljetti tal-lottu pubbliku, li meta jigu prezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcjal pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jew aktar xjentement ghamlu uzu mill-istess biljetti hekk falsifikati. Dan bi ksur ta' l-Artikoli 167, 169, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Patrick Mangion wahdu** akkuzat talli fil-15 ta' Settembru 2000 gewwa Santa Venera, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' Lm 250 bi hsara ta' Carmelo Borg minn B'Kara. U dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'hekk sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati. B'hekk ukoll kiser il-provedimenti dwar sentenzi sospizi Artiklu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta' Marzu, 1999 u tal-15 ta' Lulju, 1998.

B'hekk ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta' probation ghat-termini ta' l-artiklu 9 tal-kap 152 imposti fuqu b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Marzu, 2000 u fl-24 ta' Lulju, 2000.

**Eleno Bezzina wahdu** akkuzat talli fis-16 ta' Settembru, 2000 gewwa Santa Venera bil-hsieb li jaghmel delitt,

b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza jew xi grajja kimerika ittanta jaghmel qliegh ta' Lm 475 bi hsara ta' Carmelo Borg minn B'Kara, wera dan il-hsieb b'atti esterni li taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt u dan billi pprova jsarraf biljett tal-lottu pubbliku ffalsifikat fil-bank tal-lottu, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu. Dan bi ksur ta' l-artiklu 41(1)(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess cirkostanzi rrenda ruhu komplici fid-delitt ma' Patrick Mangion billi ta ordni, gieghel jew ta struzzjonijiet biex isir dan id-delitt. Dan bi ksur tal-artiklu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'hekk sar recidiv ghat-terminu ta' l-Artiklu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

B'hekk ukoll kiser il-provedimenti dwar sentenzi sospizi, Artiklu 28A, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq sentenza mill-Qorti ta' l-Appell ta' l-24 ta' Gunju, 1999.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji kif ukoll li t-tnejn wiegbu li ma kinux hatja ta l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Jigi mill-bidunett relevant li fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2003 iz-zewg avukati difensuri (bil-kunsens tal-klijenti

rispettivi taghhom) ezentaw lill-Prosekuzzjoni milli ttella' prova dwar is-sentenzi esebiti fil-konfront u kontra z-zewg akkuzati.

Illi minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li kemm Patrick Mangion kif ukoll Eleno Bezzina rrilaxxaw stqarrija.

'Qabel ma l-Qorti tezamina in succint dak li qalu z-zewg akkuzati fl-istqarrija minnhom rilaxxata tissottolinea dak li rrileva l-abbli avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu dwar l-effett probatorju ta' dak li jghid ko- akkuzat kontra ko-akkuzat iehor fi stqarrija.

Patrick Mangion fil-fatt qal li ammetta li verament mar isarraf il-biljett fil-banka tal-lottu (aktar tard irrizulta li hi ta' Carmelo Borg), pero' qal li ghamel hekk ghax Eleno Bezzina talbu jsarraflu biljett rebbieh u weghdu ta' din il-qadja li jaghtih ghoxrin lira Maltin (Lm 20). Zied fl-istess stqarrija li hu ma kienx jaf li l-biljett kien falz <u>pero'</u> (enfazi tal-Qorti) stqarr li kien lest ihallas l-istes flus cioe dak li ppercepixxa meta pprezenta l-biljett i.e. Lm 250 lil Borg.

Min-naha l-ohra Eleno Bezzina stqarr li ma kellux idea jekk hu qattx sab biljett barra (dejjem dan skond il-verzjoni moghtija minn Borg sid il-banka). Zied ukoll li hu qatt ma mar isarraf ebda biljett ghand Borg.

Xehdet ukoll Evelyn Mizzi, principal officer Dipartiment tal-Lottu, irrizulta li l-biljett JC (li sarraf Mangion) u li jgib in-numri 12 u 20 igib id-data ta' 9 ta' Settembru, pero' in-numri msemmija gew milghuba fis-16 ta' Settembru. Spjega l-istess Mizzi li dawk in-numri ntlaghbu fis-sebgha u tletin gimgha pero telghu fis-sitta u tletin gimgha. Dawn taw rebh ta' Lm 250, liema rebh hekk imsarraf (kif gara fil-kaz in dizamina) jbagthihom is-sid tal-banka tal-lottu ghalhekk f'dan il-kaz Carmelo Borg.

Dwar id-dokument JC1, Mizzi xehdet li n-numri li jidhru fuq dak il-biljett cioe 12, 20, 87 intlaghbu fil-verita' fis-sebgha u tletin gimgha pero' minhabba tbaghbis fl-istess biljett jidhru li ntlaghbu fis-sitta u tletin gimgha.

Dan il-biljett fil-fatt ma ssarrafx, f'liema kaz kien jaghti rebh ta' Lm 475.

Xehed ukoll Carmelo Borg sid il-banka tal-lottu in kwistjoni (a fol 50 et seq). Xehed li fil-15 ta' Settembru mar ghandu certu Patrick Mangion u sarraflu bijett bin-numri 12 u 20. Ta' dan tah rebh ta' Lm 250. Talbu u xtara wkoll biljett ghal gimgha ta' wara bl-istess numri.

Qal li ftit wara din it-tranzazzjoni huwa nduna bl-ingann u cioe li l-biljett kien imbaghbas ghalhekk mar jirraporta l-istess fatt l-ghassa.

Xehed ukoll Borg li l-ghada mar il-banka tal-lottu Eleno Bezzina. Dan ipprezentalu biljett li kien imqatta' u qisu mcappas b'tyre marks. Bezzina tah spjegazzjoni li hu kien sab dan il-biljett hdejn tyre ta' karozza. Borg informa lil Bezzina li dak il-bijett kien imbaghbas u ghalhekk Bezzina qallu biex jarmih ghaliex ma riedx jiccappas mal-pulizija. Xehed Borg li dan il-biljett kieku ssarraf kien jirrendi s-somma ta' Lm 475. Xehed ukoll in kontroezami li lil Bezzina kien jafu ghaliex joqghod vicin tieghu. Zied ukoll li Bezzina la talbu flus u lanqas il-biljett lura.

Borg Carmelo gharaf fl-Awla kemm lil Mangion kif ukoll lil Bezzina. Gharaf ukoll il-biljetti in kwistjoni. Dok JC u dok JC1. Zied ukoll li quddiemu go l-ghassa Mangion ried anke jroddlu lura l-flus.

Dwar Dok JC u Dok JC1, l-espert nominat minn din il-Qorti, Martin Bajada, kkonkluda li t-tnejn gew modifikati fil-kaz ta' Dok JC "… sabiex id-data taqra s-Sibt id-9 ta' Settembru, 2000", fil-kaz ta' document JC1 "…modifikat sabiex id-data is-Sibt 9 ta' Settembru, 2000, kif ukoll modifikat in-numru li jinsab fuq in-naha ta' isfel tal-biljett fuq in-naha tax-xellug" (a fol 85).

Ikkonsidrat

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-involviment ta' Mangion fil-kaz in dizamina huwa carissimu. Anzi kompla ccarah l-istess akkuzat f'dak li qal fl-istqarrija tieghu (dejjem fil-konfront

tieghu biss). Jekk hu daqshekk veru li mar isarraf dak il-biljett ghax baghtu haddiehor, tistaqsi din il-Qorti jekk se jaghmel pjacir se jiehu hlas tieghu, u jekk se jiehu hlas ta' ghoxrin lira ghal fatt daqshekk inokwu allura ma jahsibx hazin, fuq kollox ma tinhassx stramba li bniedem ghax fi kliem l-istess Mangion "jiffansjak" (vide stqarrija a fol 31A jibghatek issarraflu biljett anzi sahansitra jwasslek sal-banka tal-lottu ma jinzilx hu u ta' dan il-pjacir icedi ghoxrin lira Maltin mir-rebh!!

Din il-Qorti m'ghandha ebda raguni ghala ma temminx lil Carmelo Borg, ghaldaqstant tistaqsi ghala allura Mangion jekk kien mibghut minn haddiehor isarraf il-biljett in kwistjoni anke xtara iehor ghall-gimgha ta' wara. Tistaqsi wkoll din l-Qorti ghaliex l-istess Mangion jekk m'ghandu ebda nvolviment, ghazel anke li jirritorna lura l-flus lid-danneggjat Borg.

Fil-konfront ta' Bezzina din il-Qorti gia esprimiet ruhha dwar il-valur probatorju li ghandha l-istqarrija ta' Mangion fil-konfront tal-ko-akkuzat Eleno Bezzina. Fil-fatt din l-Qorti se tiskarta ghal kollox dak li qal Mangion fil-konfront ta' Eleno Bezzina. Tistrieh pero' fuq dak li qal l-istess Borg fl-istqarrija tieghu (a) li ma jiftakarx li hu qatt ma sarraf biljett ghand Borg <u>pero</u> (enfazi tal-Qorti) qabel jghid li hu jikteb ghandu !!! (b) mistoqsi jekk qattx sab xi biljett barra jwiegeb mhux le, imma m'ghandux idea.

Din il-Qorti gie aktar il-fuq tat succinct ta' dak li xehed Borg fil-konfront ta' Bezzina. Hija l-fehma taghha li fil-fatt Bezzina a tempo vergine ma kienx qed jghid il-verita' u sahhah din l-fehma meta ta risposta bhala 'ma ghandix idea'. Tistaqsi ghalhekk din il-Qorti ghaliex Bezzina ghazel fi stadju ta' l-istqarrija li ma jergax jirrepeti dak li kien qal lil Borg u cioe li kien sab il-biljett Dok JC 1 hdejn tyre ta' karozza. Tqis ukoll il-Qorti l-fatt li Borg anke baqa' fil-fatt senjalament konsistenti f'dak li qal fir-rapport li hu ghamel inizzjalment lil PS 768 Silvio Muscat (vide fol 46-49). Minn ezami tal-fatti esposti hija l-fehma ta' din il-Qorti li Bezzina kellu nvolviment dirett fil-fatt in dizamina.

Ghaldaqstant din il-Qorti fil-konfront ta' Patrick Mangion issibu hati talli xjentement ghamel uzu minn document (biljett) iffalsifikat (art 169 tal-Kap 9), hati wkoll ta' frodi taht l-art 308, 310 tal-Kap 9 u dan dejjem ghad-dannu ta' Carmelo Borg, tqis lill-istess Mangion bhala recidiv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9.

Dwar l-akkuzi koncernanti l-ksur ta' sentenzi sospizi, datati s-sentenzi 27 ta' Marzu, 1999 u 15 ta' Lulju, 1998, tirrileva din il-Qorti li s-sentenza msemmija tas-sena 1999 mhux esebita fl-atti, oltre hekk it-tieni sentenza tas-sena 1998 titkellem fuq perjodu operattiv ta' sentejn in kwantu l-akkuzi in dizamina jirrisalu ghad-data 19.09.2000 din mhux applikabbli.

Dwar l-akkuzi ta' ksur ta' kundizzjonijiet ta' probation taht il-Kap 152 fis-sentenzi datati 10 ta' Marzu, 2000 u 24 ta' Lulju, 2000 din il-Qorti tissottolinea illi s-sentenza ta' 10 ta' Marzu, 2000 (dok PM2) ma tispecifikax iz-zmien tal-probation pero' taghmel referenza ghal ordni (ta' probation) li pero' ma gietx esebita. Fil-konfront tas-sentenza moghtija fl-24 ta' Lulju, 2002 (Dok PM 3) din titkellem fuq perjodu ta' probation ghal tliet xhur, ma giet esebita ebda sentenza datata 24 ta' Lulju, 2000.

Fil-konfront ta' Eleno Bezzina issibu hati talli wkoll xjentement ghamel uzu minn biljett tal-lottu iffalsifikat ai termini ta' l-artiklu 169 tal-Kap 9.

Tqis li Eleno Bezzina huwa hati wkoll ta' tentattiv ta' frodi taht l-art 308 tal-Kap 9 u dan anke wara li rat l-art 41 ta' l-imsemmi Kapitlu. Tqis lil Eleno Bezzina recidiv ai termini ta' l-art 49 u 50 tal-Kap 9.

Dwar l-akkuza prospettata fl-art 42 tal-Kap 9 tqis li din ma gietx pruvata in kwantu l-unika prova li hemm f'dan il-konfront hija l-istqarrija tal-ko-akkuzat Mangion

Dwar il-ksur tal-provediment tas-sentenza sospiza tissolleva li ma giet esebita ebda sentenza kif indikat fl-akkuza.

Dwar il-piena fil-konfront ta’ Patrick Mangion qed tikkundannah wara li rat l-artikoli msemmija wkoll l-artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 ghall-piena karcerarja ta’ sentejn u nofs habs, b’dan illi Mangion ghandu jinghata kull possibilita’ li jaghmel jew ikompli kwalunkwe program kontra l-abbuz tad-droga.

Fil-konfront ta’ Eleno Bezzina wara li wkoll rat l-artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 barra dawk imsemmija qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn habs.

Komunika lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------